31985L0614

L 376/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 31.12.1985

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Diċembru 1985.

li temenda, minħabba l-adeżjoni ta' Spanja u tal-Portugall, id-Direttiva 85/384/KEE dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, taċ-ċertifikati u ta' evidenza oħra ta' kwalifiki formali fl-arkitettura, inklużi miżuri sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u tal-libertà ta' provvediment ta' servizzi

(85/614/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u tal-Portugall, b'mod partikolari l-Artikolu 396 tiegħu,

Billi minħabba s-sħubija ta' Spanja u l-Portugall, huwa neċessarju illi jsiru ċerti emendi għad-Direttiva 85/384/KEE [1] sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni ugwali tagħha fir-Renju ta' Spanja u fir-Repubblika tal-Portugall u fl-Istati Membri l-oħra;

Billi skond l-Artikolu 2(3) tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u tal-Portugall l-istituzzjonijiet tal-Komunità jistgħu jadottaw qabel is-sħubija l-miżuri msemmija fl-Artikolu 396 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, filwaqt li l-miżuri għandhom jidħlu fis-seħħ, bla ħsara għal u fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-Att ta' l-Adeżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Jannar 1986, u bla ħsara għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u tal-Portugall, l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/384/KEE għandu jiġi emendat biż-żieda ta' dan li ġej:

"(j) *fi Spanja*

— il-kwalifiki formali u uffiċjali ta' perit (título oficial de arquitecto) mogħtija mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u x-Xjenza jew mill-universitajiet,

(k) *fil-Portugall*

— id-Diploma 'diploma do curso especial de arquitectura' mogħtija mill-Iskejjel tal-Belle Arti ta' Lisbona u ta' Porto,

— id-Diploma ta' perit 'diploma de arquitecto' mogħtija mill-Iskejjel tal-Belle Arti ta' Lisbona u ta' Porto,

— id-Diploma 'diploma do curso de arquitectura' mogħtija mill-Iskejjel Terzjarji tal-Belle Arti ta' Lisbona u ta' Porto,

— id-Diploma 'diploma de licenciatura em arquitectura' mogħtija mill-Iskola Terzjarja tal-Belle Arti ta' Lisbona,

— id-Diploma 'carta de curso de licenciatura em arquitectura' mogħtija mill-Università Teknika ta' Lisbona u l-Università ta' Porto."

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fit-terminu speċifikat fl-Artikolu 31(1) tad-Direttiva 85/384/KEE.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 1986.

Għall-Kunsill

Il-President

R. KRIEPS

[1] ĠU L 223, tal-21.8.1985, p. 15.